



Brussell, 24 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15825/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0318(NLE)**

LIMITE

PROCIV 86	ATO 62
ENV 1384	CSC 546
JAI 1545	ECOFIN 1284
SAN 701	CSCI 198
COSI 231	DATAPROTECT 333
CHIMIE 102	MI 1043
ENFOPOL 512	CODEC 2272
RECH 530	COPS 563
CT 183	JAIEX 92
DENLEG 62	COPEN 415
COTER 228	IND 626
RELEX 1393	POLMIL 311
ENER 642	IPCR 63
HYBRID 82	DIGIT 281
TRANS 539	DISINFO 98
CYBER 302	CSDP/PSDC 799
TELECOM 355	MARE 27
ESPACE 88	POLMAR 59

RAPPORT

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	12485/23 + ADD1
Suġġett:	Rapport ta' Progress tal-Presidenza dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni biex jikkoordina rispons fil-livell tal-Unjoni għal tfixkil ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti

Dan ir-rapport jippreżenta l-ħidma li saret s'issa fil-korpi preparatorji tal-Kunsill u jiddeskrivi s-sitwazzjoni attwali fl-eżami tal-proposta msemmija hawn fuq.

Ir-rapport tfassal taħt ir-responsabbiltà tal-Presidenza u tħejja bil-ħsieb tal-Kunsill ĠAI tal-4 u l-5 ta' Diċembru 2023. Il-Kunsill huwa mistieden jieħu nota tar-rapport.

Rapport ta' Progress tal-Presidenza dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni biex jikkoordina rispons fil-livell tal-Unjoni għal tfixkil ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-6 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni biex jikkoordina rispons fil-livell tal-Unjoni għal tfixkil ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti¹. Dan il-Pjan ta' Azzjoni kien speċifikament mitlub fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat mal-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, adottata fit-8 ta' Diċembru 2022, li ġiet innegozjata wara s-sabotaġġ ta' Nord Stream. Kemm dan il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2022 jikkomplementaw il-leġislazzjoni transsettorjali ewlenija tal-Unjoni dwar ir-reżiljenza fiżika tal-infrastruttura kritika: id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi (Direttiva CER) li ġiet adottata f'Diċembru 2022.
2. Fi żminijiet reċenti, ir-riskji li tiffaċċa l-infrastruttura kritika fl-Unjoni żdiedu, mhux l-inqas minħabba t-theddida akbar ta' attakki ibridi jew l-intensifikazzjoni ta' avvenimenti estremi tat-temp relatati mat-tibdil fil-klima. L-inċidenti reċenti mġarrba mill-infrastruttura kritika taħt l-ilma fil-Baħar Baltiku, li affettwaw il-Finlandja, l-Estonja u l-Iżvezja, huma tfakkira innegabbli ta' dan u tal-ħtieġa li nsaħħu kontinwament ir-reżiljenza tagħna, fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni. Ix-xahar li għadda, il-Kunsill Ewropew enfasizza l-ħtieġa ta' miżuri effettivi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza u tiġi żgurata s-sigurtà tal-infrastruttura kritika. Il-Presidenza tqis li l-isforzi biex isir progress fin-negozjati tal-Pjan ta' Azzjoni għall-infrastruttura kritika jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal dan l-għan.

¹ 12485/23 +ADD1.

3. L-abbozz tal-Kummissjoni jenfasizza l-livelli differenti ta' kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tar-rispons għal inċidenti infrastrutturali kritiċi sinifikanti b'dimensjoni transfruntiera. L-abbozz għandu l-għan li jikseb tliet objettivi ewlenin: (1) it-titjib tal-għarfien komuni tas-sitwazzjoni, (2) it-tisħiħ tal-komunikazzjoni pubblika koordinata, u (3) rispons effettiv koordinat. Dan l-abbozz ta' Pjan ta' Azzjoni għandu l-għan li jikkomplementa d-Direttiva CER ta' Diċembru 2022 li ġiet adottata reċentement fir-rigward tar-rispons għal inċidenti bħal dawn.

II. ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

4. Fil-Kunsill, l-eżami tal-proposta jitwettaq f'formazzjoni speċifika tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni Ċivili, iddedikata għad-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi (minn hawn 'il quddiem PROCIV-CER). Din il-formazzjoni tinkludi delegati maħtura mill-Istati Membri biex isegwu d-diskussjonijiet dwar id-Direttiva CER u b'mod aktar ġenerali dwar il-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika u r-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi.
5. Id-diskussjonijiet dwar l-abbozz tat-test bdew matul il-laqgħa tat-12 ta' Settembru bi preżentazzjoni komprensiva mill-Kummissjoni tal-aspetti ewlenin. L-Istati Membri ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet preliminari tagħhom dwar il-proposta. Tqajmu diversi mistoqsijiet, inkluż dwar il-kamp ta' applikazzjoni settorjali u l-limitu għall-użu tal-Pjan ta' Azzjoni, l-interazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni ma' mekkaniżmi eżistenti oħra għall-maniġġar ta' kriżijiet, u t-terminoloġija.
6. Il-Grupp ta' Ħidma PROCIV-CER kompli d-diskussjonijiet dwar il-proposta fl-4 ta' Ottubru. Il-laqgħa PROCIV-CER kienet preċeduta minn eżerċizzju ta' nofstanhar li l-Kummissjoni organizzat fil-forma ta' diskussjoni bbażata fuq xenarji. L-għan kien li jiġi ttestjat l-abbozz tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika f'xenarju fittizju u b'hekk tiġi pprovduta opportunità biex jiġu identifikati nuqqasijiet u titjib potenzjali li jistgħu jikkontribwixxu għan-negozjati tal-proposta fil-Kunsill.

7. Il-Presidenza introduċiet l-ewwel compromess tal-Presidenza qabel il-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma PROCIV CER tat-8 ta' Novembru. L-Istati Membri laqgħu l-progress importanti li sar, filwaqt li madankollu nnutaw il-ħtieġa li jitkomplew id-diskussjonijiet dwar għadd ta' kwistjonijiet, li kienu jinkludu: il-kamp ta' applikazzjoni settorjali u l-limitu għall-użu tal-Pjan ta' Azzjoni; is-sinerġiji ma' mekkaniżmi u ċentri oħra tal-Unjoni għall-kriżijiet u r-rwol tagħhom, bħar-rwol taċ-Ċentru ta' Rispons f'Emerġenza għall-Kriżijiet, f'dan il-Pjan ta' Azzjoni ġdid; l-aktar mod xieraq biex jitwassal ir-rwol primarju tal-Istati Membri fil-maniġġar ta' kriżijiet u fil-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali; il-protezzjoni xierqa ta' informazzjoni sensittiva u klassifikata; u r-rwoli tal-korpi u l-fora tal-Kunsill u tal-Kummissjoni f'dan il-Pjan ta' Azzjoni ġdid. Il-Kummissjoni ċċarat ċerti aspetti, inkluż dawk relatati ma' elementi li qabel kienu tqajmu mill-Istati Membri.
8. Bħalissa l-Presidenza qed tħejji t-tieni compromess tal-Presidenza li għandu jiġi ppreżentat qabel il-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma PROCIV CER tal-11 ta' Diċembru.
9. Mil-lat ta' koordinazzjoni, il-Presidenza għamlet sforzi biex tinvolvi Gruppi ta' Ħidma rilevanti oħra fejn adatt f'dan il-fajl transsettorjali. Id-delegati tal-Grupp ta' Ħidma PROCIV (Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni Ċivili) ġew mistiedna jieħdu sehem fi PROCIV CER tat-8 ta' Novembru peress li l-kwistjonijiet diskussi indirizzaw kwistjonijiet ta' interess għalihom. Il-Grupp Politiku/Militari (PMG) iddiskuta l-paragrafu ta' kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Novembru.

III. KONKLUŻJONIJIET

10. Il-Presidenza tapprezza ħafna l-ħidma mwettqa mill-Kummissjoni u l-Istati Membri matul il-proċess tan-negozjati. Il-Presidenza tirrikonoxxi wkoll l-isforzi importanti ta' koordinazzjoni li saru mill-Istati Membri fi ħdan l-amministrazzjoni nazzjonali tagħhom li ppermettew diskussjonijiet kostruttivi u l-avvanz tan-negozjati.
11. Il-Presidenza tqis li n-negozjati mxew 'il quddiem sew iżda jista' ma jkunx possibbli li din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tiġi adottata qabel tmiem is-sempju minħabba li diversi kwistjonijiet jeħtieġu aktar konsiderazzjoni. Barra minn hekk, xi Stati Membri talbu aktar żmien għal konsultazzjonijiet nazzjonali f'dan il-fajl transettorjali kumpless li jolqot kwistjonijiet ta' sigurtà nazzjonali. Il-Presidenza Spanjola qed taħdem mill-qrib mal-Presidenza Belġjana li jmiss biex tiżgura tranżizzjoni bla xkiel tal-fajl, f'każ li dan ikun meħtieġ.
12. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota tal-progress li sar fl-eżami tal-Pjan ta' Azzjoni propost.